Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-386 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**Il-Ħamis, 7 ta' Lulju, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

Is-Sur Robert Buhagiar kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sur Grech qal li xtaq jikkjarifika l-kumment li għadda fil-laqgħa preċendenti dwar is-Segretarju Eżekuttiv li kien ġie miftiehem ħazin. Is-Sur Grech qal li kien hemm xi nuqqas ta' ftehiem bejnu u s-Segretarju Eżekuttiv dwar materja partikulari iżda b'danakollu bl-ebda mod ma tilef il-fiduċja fis-Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant jipproponi li ssir korrezzjoni fit-tminn paragrafu ta' paġna 197 u jitneħħa kompletament il-kliem "Is-Sur Grech qal li qed iħoss li qed jitlef il-fiduċja fis-Segretarju Eżekuttiv" kif ukoll il-kliem "Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sindku jitlob lis-Sur Grech jissostanzja dak li kien qal u għaliex is-Sur Grech kien għamel din l-istqarrija, iżda dan ma sarx". Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li l-minuti jiġu emendati.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-385 laqgħa kif emendati.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg qal li jkun aktar għaqli jekk ikun hemm korrispondenza li tikkonċerna lill-Kunsillier partikulari, din għandha tiġi diskussa meta l-Kunsillier ikun preżenti għal-laqgħa.

Il-Viċi Sindku staqsa meta kienet ser issir il-laqgħa mar-rapprezentati tal-klabb tal-futbol St Patrick. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-laqgħa tkun tista' ssir hekk kif jiġu ffissati data u ħin meta r-rapprezentanti tal-Kunsill ikunu jistgħu jiltaqgħu mad-diriġenti tal-klabb tal-futbol.

Is-Sur Pisani għamel referenza għal dak li ntqal fil-laqgħa preċedenti mill-Viċi Sindku dwar il-fatt li ma kienx prudenti li kull wieħed u waħda mill-parteċipanti jkunu jafu kemm kienu ser jitħallsu qabel issir l-attivita`. Is-Sur Pisani qal li meta tiġi ppjanata attivita` diġa jkunu nġabru l-istimi neċessarji u l-ispiża setgħet ġiet ppreżentata globalment għal kull servizz li kien ser jingħata sew jekk huwa kant, *sound*,dawl etc. Is-Sur Pace wieġeb li kien ser jippreżenta rendikont dettaljat fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-laqgħa li saret ma' uffiċjal mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar il-funderija *Hompesch Steel*. Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill ġie mitlub iressaq għal darb'oħra l-oġġezzjoni tiegħu dwar il-permess, kif ukoll li jindaga dwar il-kawża li kienet saret kontra il-kumpanija *Hompesch Steel*.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill irċieva approvazzjoni sabiex issir *road hump* fi Triq Bajada viċin il-ħanut *Big Bun*. Din l-approvazzjoni ngħatat fuq talba li kienet saret mis-Surpretendent tal-Pulizija ta' Bormla u l-Ispettur ta' Ħaż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li biex issir din ir-*road hump* il-Kunsill irid jimxi mal-kriterji li talbet *Transport Malta*. Is-Sindku qal li kien ser imur flimkien mal-Kunsillier Mark Grech sabiex jiġi deċiż fejn l-aħjar li ssir din ir-*road hump*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Bord ta' Gvernanza Lokali dwar l-ilment imressaq minn Dr J Cassar Delia u fejn il-Kunsill intalab jagħti l-pożizzjoni tiegħu dwar jekk l-*iscaffolding* in kwestjoni kienx qed jingombra l-bankina jew le. Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill għandu evidenza okkulari li l-*iscaffolding* kien qed jingombra l-bankina u għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jsostni dak li ġie deċiż fil-laqgħa tal-20 ta' Ottubru, 2011. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li tinżamm l-istess pożizzjoni li kienet ittieħdet fil-laqgħa preċedenti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur, tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 9/2011 rigward skema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita` ta' librerija lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ser jagħti l-ammont ta' €466 f'għajnuna għal-librerija lokali.

Inqrat Memo 52/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-*Car Free Day 2011.* Il-Kumitat Inter-Ministerjali qiegħed jorganizza kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali li jridu jorganizzaw attivitajiet relatati ma' din it-tema. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li peress li t-toroq arterjali ma jistgħux jingħalqu minħabba li joħolqu nkonvenjent għall-pubbliku, il-Kunsill ma setax jipparteċipa f'din l-atttivita`.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Familja Muscat dwar sewqan eċċessiv fi Triq iż-Żingla. Il-Familja Muscat talbet sabiex il-Kunsill jieħu azzjoni biex jitneħħa kull periklu kkawzat minn sewqan perikoluż.

Is-Sur Pisani ssuġġerixxa li jsir tibdil fis-sistema tat-traffiku fiż-żona ta' Triq iz-Zingla ma' Triq Alessio Erardi. Is-Sur Pisani qal li kien ser jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu lis-Sotto Kumitat responsabbli mill-Immaniġġjar tat-Traffiku.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Montgeron dwar il-festa ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu *partnership agreement* mal-Kunsill ta' Montgeron, izda dan hu limitat għall-Kamp Internazzjonali għaż-Żgħażagħ. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li minħabba restrizzjonijiet finanzjarji, il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jistieden lill-Kunsill ta' Montgeron l-aktar meta l-flus allokati ma kienux jippermettu li jiġu mistiedna bliet oħra barra dawk ġemellati mal-Belt ta' Ħaż-Żabbar.

Il-Viċi Sindku talab permess biex jinforma lill-Kunsill li s-Sinjorina Bernice Buhagiar xtaqet tagħmel esibizzjoni ta' pittura fis-sala tal-Kunsill f'Settembru li ġej matul il-ġranet tal-festa. Is-Sur Pace ppropona li t-talba tas-Sinjorina Buhagiar tiġi milqugħa. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Il-Viċi Sindku ppropona wkoll li nhar is-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2011, il-Kunsill ser itella' attivita` f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, f'Ħaż-Żabbar bil-parteċipazzjoni tal-grupp *Tribute to Buddy Holly*. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet ssekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita' li l-ispiża tagħha ser tkun ta' madwar €300.

Fit-8.20 ta' filgħaxija l-Viċi Sindku talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija *Greenpak* li qed jipproponi li jsiru tabelli f'postijiet prominenti f'Ħaż-Żabbar dwar il-ġranet li matulhom jinġabar l-iskart riċiklat u skart domestiku mħallat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Noise Abatement Society of Malta* fejn il-Kunsill intalab sabiex jissieħeb membru f'din is-soċjeta għall-ħlas ta' €5 fis-sena. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jissieħeb membru f'din is-soċjeta`.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

- Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2011 li kien jammonta għal €167.44. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Ġunju, 2011 u s-7 ta' Lulju, 2011 li kien jammonta għal €29,377.14. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Mozzjoni ta' fiduċja fis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

Is-Sindku qal li l-mozzjoni ta' fiduċja fis-Segretarju ma għadx hemm bżonn li titressaq għax il-Kunsill kellu fiduċja sħiħa fis-Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant is-Sindku qal li kien qed jirtira l-mozzjoni. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sindku, u l-Kunsill qabel unanimament li l-mozzjoni tiġi rtirata.

Mozzjoni bil-għan li tiżdied l-effiċjenza u l-organizzazjoni fil-ħidma kollettiva tal-Kunsill Lokali

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni mressqa mis-Sur Pisani u ssekondata mis-Sindku bil-għan li tiżdied l-effiċjenza u l-organizzazjoni fil-ħidma kollettiva tal-Kunsill Lokali. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jevalwa aħjar il-ħidma tiegħu billi jiġi mħejji pjan ta' ħidma għal tliet xhur u wara jiġi evalwat ix-xogħol li jkun sar u n-nuqqasijiet li jista' jkun hemm.

Is-Sur Grech qal li filwaqt li jaqbel mal-mozzjoni, jisħaq dwar l-importanza li l-pjan imħejji jinżamm u dan ikun konsistenti.

Is-Sur Buttigieg qal li jekk ikun hemm xogħlijiet oħra urġenti, li oriġinarjament ma jkunux fil-pjan, dawn għandhom jiġu ndirizzati.

Is-Sur Pisani qal li l-mozzjoni li qed tiġi ppreżentata tieħu ħsieb li xogħol ta' natura urġenti jiġi trattat minnufih.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ser jerġa' jagħmel laqgħa mal-ħaddiema tal-*IPSL* kif ukoll mal-ħaddiema li jaqgħu taħt il-*Community Work Scheme*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li fil-laqgħa li jmiss se jressaq lista tal-ilmenti li huma pendenti quddiem il-Kunsill.

Mozzjoni sabiex jitwaqqaf Kumitat bl-isem ta' *Il-Kunsill Flimkien Miegħek*

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni mressqa mis-Sur Pisani u ssekondata mis-Sindku sabiex jitwaqqaf Kumitat *ad hoc* bl-isem ta' *Il-Kunsill Flimkien Miegħek* bil-għan li jħeġġeġ lir-residenti Żabbarin biex ikunu parteċipi fil-ħidma tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

Fid-9.30 ta' filgħaxija s-Sur Plumpton talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-tlettax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-*increment* tas-Sinjorina Sharon Camenzuli li fil-15 ta' Lulju 2011 tagħlaq l-ewwel sena ta` mpjieg tagħha bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-*increment* lill-impjegata.

Is-Sinjura Calleja qalet li fil-parti d-dejqa ta' Triq Santa Domenika kienu qed jipparkjaw vetturi b'konsegwenza li kien qed jinħoloq periklu għar-residenti.

Fid-9.40 ta' filgħaxija s-Sinjura Calleja talbet li tkun skużata.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sindku semma l-bżonn li jiġu rranġati l-*culverts* fi Triq il-Kaħwiela u Triq il-Qoton.

Is-Sindku qal li kienet qed issir pressjoni fuq il-kuntrattur *Vella Group Ltd* sabiex jinħarġu l-permessi biex jibda x-xogħol ta' *resurfacing* taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership Scheme*.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li jsir xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Kunvent.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jiġu rranġati t-tappieri u xi trinek fi Triq is-Santwarju viċin il-*Bank of Valletta*. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien kiteb lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma peress li x-xogħol ta' trinek kien sar minnhom.

Is-Sur Buttigieg talab li jitwaħħal bank tal-injam quddiem il-klabb tal-futball tas-St Patrick's.

Is-Sur Buttigieg talab li jinżabru s-siġar li hemm fi Triq tal-Labour, jitnaddfu l-*pots* li hemm f'din it-triq, kif ukoll li jiġu kkultivati l-qsari li hemm ħdejn iz-zuntier tal-knisja fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Buttigieg ressaq talba li kienet saritlu sabiex jitneħħew is-siġar tas-Settembrina li hemm fi Ġnien il-Kunsill peress li dawn jistgħu jkunu ta' detriment għal saħħet il-bniedem.

Is-Sur Buttigieg talab li jsiru mill-ġdid is-sinjali tat-traffiku f'dawk it-toroq li fihom sar xogħol ta' *resurfacing.*

Is-Sur Bonnici talab sabiex isiru *stop signs* fi Triq il-Klin, Triq il-Luq u fi Triq il-Ġilju ma' Triq il-Fraxxnu. Huwa semma wkoll il-bżonn li jsir *refresh* taz-*zebra crossing* fi Triq Wied il-Għajn.

Is-Sur Bonnici saħaq dwar il-ħtieġa li tinbidel is-sistema ta' PA li hemm fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sur Pisani semma l-bżonn li jsir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq Latmija, kif ukoll li jsiru sinjali tat-traffiku fi Triq Kapuċċini. Is-Sur Pisani talab li jsir *refresh* ta' *road humps* li hemm fi Triq Alessio Erardi.

Is-Sur Pisani talab li titwaħħal tabella ta' *Cul de Sac* f'parti minn Triq Alessio Erardi.

Is-Sur Pisani ressaq talba li saritlu mill-Grupp Armar tal-Festi sabiex il-gabbani tal-festa jitpoġġew bejn il-kolonni u mhux quddiemhom. Is-Sindku qal li fejn ikun possibli s-sidien tal-gabbani hekk jintalbu jagħmlu.

Is-Sur Pisani qal li kien qed jippjana li jtella' attivita` li jkollha l-iskop twassal messaġġ kontra l-eskluzjoni soċjali. Is-Sur Pisani ppropona li din l-attivita` bl-isem ta' *Malta's Biggest Plank* għandha tittella' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu, 2011 fil-futbal *ground* tas-*St Patrick's* u n-nefqa għal din l-organizazzjoni tal-attivita` ser tiswa madwar €1,000. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita`.

Is-Sur Grech talab li jsir *stop sign* fi Triq Lia ma' Triq il-Kapuċċini.

Is-Sur Grech talab ukoll sabiex mat-tabella ta' *no entry* li twaħħlet fi Triq il-Kapuccini ma' Triq Pawlina Muscat Inglott, tizdied tabella oħra bil-kliem *Except for Garage Owners* biex is-sidien tal-garaxxijiet li hemm fil-bidu tat-triq ikunu jistgħu jidħlu fil-garaxx mingħajr diffikultajiet zejda peress li uħud minnhom qegħdin mibnija f'pożizzjoni angolata.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-387 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 3 ta’ Awwissu, 2011.

Domenic Agius
Sindku